# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 24 t'April tas-sena 2001.**

**Numru 47**

**Avviz numru 731/99/SM**

**Middle Sea Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha Joseph Scicluna.**

**vs**

**Roberta Radmilli**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-20 ta' Marzu ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Illi prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilita' skond il-ligi, thallas is-somma ta' disa' mija u hamsa u hamsin Lira Maltija u tmiena u disghin centezmu (LM955.98,0), jew somma verjuri li tigi likwidata rapprezentanti danni sofferti mill-assikurat taghha Joseph Scicluna u ghal liema somma ghamlet tajjeb il-kumpanija attrici biex b'hekk giet surrogata fid-drittijiet tieghu abbazi**

**tal-polza ta' assikurazzjoni u tal-ligi, liema danni gew sofferti bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh f'St.Andrews Road, St. Julians fit-2 t'Awissu, 1997 bejn il-vettura taghha numru ta' registrazzjoni JAJ 121 u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAK 104 appartenenti lil Joseph Scicluna li kienet misjuqa minn Carmelo Bartolo fil-hin tal-incident, liema kollizjoni grat unikament tort taghha minhabba traskuragni, negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 1998, u bl-imghax legali mid-data tal-istess ittra ufficjali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza, imperizja, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenuta kif allegat fl-avviz, izda gara tort unikament ta' Carmel Bartolo;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-procedura in dizamina tirrigwarda kollizjoni awtomobilistika li sehhet fit-2 t'Awissu ta' l-1997 ghall-habta ta' l-4.00 p.m. f'St. Andrews Road, San Giljan, bejn il-vettura tal-marka Susuki vann**

**bin-numru ta' registrazzjoni JAJ-121 misjuqa mill-konvenuta Roberta Radmilli u l-vettura tal-marka Diahatsu Charade bin-numru ta' registrazzjoni LAK-014 proprejta' ta' Joseph Scicluna u misjuqa minn Carmelo Bartolo;**

2. **Illi skond il-versjoni tal-konvenuta meta hi kienet fi Triq Sant'Andrija fid-direzzjoni ta' San Giljan waqfet, u meta ma rat lilhadd isuq fid-direzzjoni taghha regghet bdiet tipprocedi bil-mod fid-direzzjoni li kienet sejra fiha;**

3. **Illi kif appena ipprocediet f'din id-direzzjoni issostni li sabet lill-konducent Bartolo u sehhet il-kollizjoni;**

4. **Illi l-velocita' tal-vetturi involuti fl-incident tirrizulta wahda minima;**

5. **Illi l-versjoni tal-konducent tal-vettura ta' l-assigurat isostni li kien gej minn Regional Road sejjer fid-direzzjoni ta' Paceville u kien gej minn naha tal-mina li hemm ftit il-boghod;**

6. **Illi hekk kif qasam il-karreggjata fid-direzzjoni ta' Paceville sehhet il-kollizjoni de quo;**

7. **Illi l-ammont ta' danni sofferti ms-socjeta' assigurata jirrizulta debitament ippruvat;**

**Ikkonsisdrat:**

**Illi mid-dinamika ta' l-incident jidher li z-zewg konducenti ma uzawx dik il-prudenza necessarja rikjesta biex tassigura sewqan minghajr incidenti;**

**Illi fil-parti tat-triq in dizamina ma jirrizultax li hemm xi ostakolu li seta' jinpedixxi l-vizwali taz-zewg konducenti u ghalhekk jirrizulta li l-incident de quo seta' facilment jigi evitat bi ftit prudenza, forsi anke wkoll pacenzja, da parte tal-konducenti;**

**Illi ghalhekk hija l-fehema ta' din il-qorti li r-responsabbilita' ta' l-incident awtomobilistiku in dizamina**

**ghandhu jkun ugwalment proporzjonat bejn il-konducenti involuti;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi illi:**

1. **Tiddikjara lil Carmelo Bartolo u lill-konvenuta Roberta Radmilli ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' disa' mija u hamsa u hamsin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu, (LM955.98,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenuta Roberta Radmilli biex thallas lis-socjeta' attrici nofs dan l-ammont hekk likwidat senjatament erba' mija u seba u sebghin Lira Maltin u tmienja u disghin centezmu, (LM477.95,0), bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**